

*Apprezzament:*

# Winston Lawrence Zammit

**Mario Fenech**

Nhar it-18 ta' Novembru 2017 tħabbret il-mewt ta' Winston Zammit, storiku magħruf tal-Istorja Ċivili kif ukoll Ekklesjastika ta' Malta.

Winston kien iben il-Parroċċa tas-Sultana Tagħna u kien devot kbir tal-Madonna b'dan it-Titlu sabiħ.

Twieled f'Tas-Sliema nhar l-14 ta' Novembru 1950 fid-dar numru 45, Triq San Ġwann Battista fejn baqa' joqgħod sa kemm miet.

Attenda l-Iskola St. Joseph f'Tas-Sliema, il-Kulleġġ San Alwigi f'Birkirkara u l-Junior College fl-Università ta' Malta. Iggradwa B.A.(Hons) History 1971, M.A. History 1975, Kors Post Graduate Course in Education Teachers Training College 1974-1975.

Għallem f'numru ta' skejjel u fis-sena 1996 ġie maħtur Kap tad-Dipartiment fl-Istorja fejn fuq inizjattiva tiegħu stess twaqqaf il-Proġett favur il-Missjoni tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Kenja. Kien ukoll Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv tal-Maratona tar-Roti li ssir fil-Liċeo tal-Ħamrun. Ħadem fil-Parroċċa tas-Sultana Tagħna fil-Kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" mill-1972 sal-1973, kien Segretarju tal-Fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor mill-1986 sas-sena 2012. Kien ukoll Segretarju tal-Kummissjoni Festi mill-1993 sas-sena 2002.



*Il-faċċata ta' quddiem tal-Ktieb tal-Istorja tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" li kien ġie ppubblikat fl-okkażjoni tas-70 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà minn Winston L Zammit u Rev Patri Raniero Zammit.*

Winston kien meqjus minn bosta studjużi u kittieba bħala Awtorità fl-Istorja ta' Malta. Dan kien riżultat tar-riċerka metikoluża u ta' reqqa kbira li huwa kien jagħmel fl-Arkivju Nazzjonali sa' mill-1969.

Ippubblika 20 ktieb. Fost dawn il-kotba li għandhom konnessjoni ma Tas-Sliema hemm:

- Tas-Sliema fl-Imgħoddi;
- Tas-Sliema fis-Seklu Dsatax;
- Tas-Sliema fl-ewwel nofs tas-Seklu Għoxrin;
- L-Istorja tal-Każin tal-Banda "Sliema" - li ħadem flimkien mal-ħabib kbir tiegħu Patri Raniero Zammit O.F.M. Cap.;
- L-Istorja tas-"Sliema Wanderers" Football Club.

L-għajnuna li kien jagħti Winston lil dawk kollha li kienu jitolbuh xi parir dwar xi riċerka storika kienet waħda kontinwa.

Winston mar jiltaqa' mas-Sultana Tagħna ftit taż-żmien biss wara li kienu għadhom kemm bdew it-tħejjijiet biex il-Parroċċa tiċċelebra għeluq il-100 Sena mit-Twaqqif Tagħha. In-nuqqas tiegħu ser jinħass sew speċjalment waqt il-Funzjonijiet tal-Knisja u l-kitbiet tiegħu fil-Programmi tal-Festa.

GRAZZI TA' KOLLOX WINSTON.



*Jum is-Soċjetà, Mejju 2016, Winston Zammit jirċievi Ġieħ is-Soċjetà mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" fis-Sala tal-Kultura tal-istess Soċjetà*



*Is-Sur Winston L. Zammit fir-ritratt uffiċċjali tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema" – Sena 1973*